**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Distrett – Mosta**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 25 ta' April, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**-vs-**

**Pierre Darmanin, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 254077M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Pierre Darmanin u cioe` talli:

F'dawn il-Gżejjer u cioe' nhar l-4 ta' Diċembru, 2016, għall-ħabta tal-23:00 ta' filgħaxija ġewwa fond bl-isem 'Palma Farmhouse', Tal-Palma, Limiti ta' l-Imġarr, Malta:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, inġurja u/jew hedded lil Rachel Dalli bi kliem.
2. Fl-istess jum, lok u ċirkostanzi għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika.
3. Fl-istess jum, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u/jew ġlied u/jew mod ieħor.

4. F'dawn il-Gżejjer fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2016 u Frar 2017 bl-imġieba tiegħu ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Rachel Dalli meta kien jaf jew messu kien jaf li dan l-aġir kien ta fastidju għall-imemmija persuna.
5. F'dawn il-Gżejjer fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2016 u Frar 2017 bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Rachel Dalli biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-axxendenti/dixxendenti jew propjeta' tagħha u dan bi skur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9.
6. F'dawn il-Gżejjer fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2016 u t-3 ta' Frar 2017 għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tittratta ma' l-akkużat talli kiser il-kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar il-25 ta' Frar 2016 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fej l-akkużat kien liberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor għall-perjodu ta' sentejn skont kif dispost fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni fit-termini tal-Artikolu 412C ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta' ta' Rachel Dalli jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lil ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma li tiġi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-
Illi fl-ewwel lok irid jigi sottolinejat, kif del resto jirrizulta mill-verbal tas-26 ta' Frar 2018[1] u mir-riferti esebiti,[2] li kien registrat qbil bejn il-partijiet[3] li f'dak li jirrigwarda l-evidenza miksuba mis-service providers u d-dokumentazzjoni esebita minnhom, dawn kellhom jiffurmaw parti kemm minn dawn l-atti kif ukoll mill-process iehor fl-istess ismijiet

[1] Fol.325
[2] Fol.315A *et seq.*
[3] Fol.338 u 441

istitwit nhar il-31 ta' Marzu, 2017 (Kaz Nru. 26). Kopja ta' din id-dokumentazzjoni tifforma parti miz-zewg processi.

Illi mill-**Current Incident Report** jirrizulta li n-numru cellulari tal-parte leza hu 99452662 filwaqt li dak tal-imputat 79497676.[4]

Illi l-parte leza **Rachel Dalli Tua** xehdet dwar ir-relazzjoni li hi kellha mal-imputat, li minnha hemm wild, liema relazzjoni intemmet f'Novembru, 2016. Fl-4 ta' Dicembru, 2016 kienet bdiet tircevi ghadd kbir ta' messaggi fejn l-imputat beda jghidilha li jekk ma kienitx ser tirrispondi t-telefonati tieghu, hu kien ser imur go darha. Iddeskriviet kif anke irceviet madwar 40-50 *missed calls.*[5] Qalet *"Dan kelli l-gate, fetah il-gate, dan mhux front door, fetah il-gate u qabez fuq il-bejt jigifieri bazikament, u beda jhabbatli fuq il-bieb, jigifieri dan mhux f'xi d-disgha ta' bil-lejl dan kien tard f'xi l-hdax u nofs, nofs il-lejl, ihabbat fuq il-bieb, jghajat fis-sakra mejjet, imbaghad ovvjament jien bzajt naqra hux. L-ewwel reazzjoni tieghi cempilt lil pulizija...... Qabel ma gie d-dar beda jibghatli l-messages.....[fuq in-numru taghha]... 99452662. ....[il-messaggi kienu jghidu].... Jekk mhux ha tirrispondini gej id-dar, jigifieri dan il-missed calls kien hemm xi forty missed calls mhux two jew three missed calls, jigifieri* ***kien hemm xi forty jew fifty missed calls before he came to my house.*** *And it's annoying I kept on cutting the phone. Dan f'nofs il-lejl, it-tarbija rieqda, Sinjura Magistrata, it-tarbija bid-deni rieqda, dan il-hin kollu forty missed calls, jigifieri dawn jistghu jigu ppruvati mhux qed nivvinta jigifieri. In-number tieghu l-hin kollu naqtalu, mbaghad jekk mhux ha tirrispondini gej id-dar tieghek, li filfatt gie d-dar tieghi. Wara li tlabt l-assistenza mill-pulizija bghatli messagg li ha tigi pprovata, [']missek m'ghidtlix li cempilt lil pulizija ghandi l-kugin tieghi fil-pulizija u ha jirrangali kollox['].".* Semmiet kif kienet bezghet peress li kienu bdew iccemplulha shabu li kienu qed jixorbu mieghu Bugibba u avzawha biex toqghod attenta ghax kien fis-sakra.[6] Kompliet kif l-imputat stess nfurmaha li l-pulizija kienu qed jippruvaw jaghmlu kuntatt mieghu u baghtilha messagg *"Maa x'biza, goodnight babe I love you no matter what you do no one can take your place,".*[7]

Wara dak l-incident baqa' jippersisti filli jibghat numru ta' messaggi permezz ta' diversi modi *"smses, What's App, l-Appliance App u fuq il-Facebook messages ukoll, Messenger Facebook, infatti llum nehhejtu l-Facebook jigifieri.".*[8] Semmiet kif anke beda jsegwi l-passi taghha u skopriet li l-cctv cameras tad-dar taghha gew hacked tramite il-modem

[4] Fol.4
[5] Fol.15
[6] Fol.15-16
[7] Fol.17; *Print out* tal-messagg in kwistjoni tinsab a fol.25.
[8] Fol.18

tal-internet.[9] Dr. Dalli Tua spjegat kif b'konsegwenza tat-theddied u telefonati li l-imputat beda jaghmel lil genituri taghha, iddecidiet thalli d-dar tal-Imgarr u tmur tirrisjedi fir-residenza tal-genituri taghha gewwa l-Mosta.[10] Ghalkemm telqet tghix il-Mosta nhar l-14 ta' Frar, 2017, giet nfurmata minn bejjiegh tal-haxix li persuna mar issaqsi dwarha u ried ihalli mieghu fjuri u cards izda dan irrifjuta. *"X'ghamel? Xorta fetahli l-bieb tal-ufficju, waddabhom biex nikkonferma li hu, u bghatli e-mail iktar tard fejn ikkonferma jekk ircivejtx il-fjuri. Jien ghalija tghidli mhux fjuri, imma xorta qed isegwi l-passi tieghi l-hin kollu jdejaqni.".[11]* Aktar inkwetanti ghall-parte leza kien il-fatt li fis-17 ta' Frar, 2017 *"fid-disgha u nofs ta' bil-lejl niftakar kien, bejn id-disgha u d-disgha u nofs, ghax kont ha nohrog, u kien hemm it-tifel man-nanna, u kienu minn numbers differenti, pero l-vuci tieghu gharaftu jiena u kien hemm number, minghalija 8035 ghandi kopja taghhom, u sensiela ta' caller IDs ghax blockjajtu mall-ewwel dakinhar. Caller ID ma stajtx niblockja."[12]* Dr. Dalli Tua semmiet ukoll kif sahansitra rceviet telefonata mill-Agenzija Appogg fejn giet infurmata li l-imputat nfurmahom li hi kienet *drug addict* fejn spiccat ikollha tesigi li jsirulha diversi ezamijiet sabiex tizmentixxi tali allegazzjoni.[13] Lejn l-ahhar tax-xhieda taghha semmiet kif habibitha kienet qaltilha li nhar lejlet il-Milied Darmanin beda jsemmi maghhom kif sa nofsillejl kienet ser tispiccalha hajjitha.[14]

Illi **Maria Mallia** xehdet li f'Dicembru, 2016, waqt li qed tkellem lill-imputat li kienet tafu socjalment ***"qalli dalwaqt tmur funeral, ghidtlu ta' min? Qalli ta' habibtek****. .... kelli idea ghal min qed jghid iva..... Ghax kont naf kif kienet is-sitwazzjoni bejniethom."*[15] Hi nfurmat lill-parte leza ezatt b'dak li qalilha Darmanin u ftakret il-kliem li ntqalilha ghax kienu hallew impatt fuqha.[16]

Illi **Richard Tua** semma kif bintu marret tqoghod ghandhom il-Mosta wara *"Il-problemi li kellna ma' Pierre, <u>l-hin kollu jheddidna</u> u jaghmel l-affarijiet..... Bejn Ottubru u Frar around October November kien icempel kontinwament lil Rachel ghax kienet qeghda most of the time tghix maghna f'dar ohra**... Beda jhedded li jigi ghalina u joqtolna jew jaghmlilna xi affarijiet simili...... drabi qal li jwegga lil Rachel**, iktar jirreferi ghal Rachel, li ha jaghmlilha xi affarijiet. Darba minnhom*

---

[9] Fol.19
[10] Fol.20
[11] Ibid.
[12] Fol.21
[13] Fol.22
[14] Fol.23
[15] Fol.327
[16] Fol.328

*[bejn Ottubru u Novembru]* ***qal ihanxarha*** *per ezempju.".*[17] Ix-xhud ikompli jiddeskrivi kif din issitwazzjoni rrendiet lil bintu fi stat ta' frustrazzjoni ghax kellha tibqa' l-hin kollu "on the alert" u kif darba minnhom minn fuq ic-cctv cameras beda jara l-vettura tal-imputat diehla u hierga *"Il-haga l-ohra li rajt hija hu ghaddej bil-karozza persistentement quddiem id-dar taghna l-Mosta kemm il-darba jigifieri."* ghalkemm b'sincerita` jikkoncedi li ma rax lill-imputat imma l-vettura tieghu. Ikompli *"Wahda mill-granet l-istess xi hadd tefghala l-fjuri mill-bieb jigifieri, u kien ghaddej bil-karozza, l-karozza tieghu kienet qeghda ghadejja minn hemmhekk dakinhar."*[18]

Illi xehed **Albert Vassallo** kif il-kumpanija G4S bdiet taghmel *static guarding services* mal-ufficju tal-parte leza sa mill-bidu tas-sena 2017.[19]

Illi l-kumpanija **Vodafone** permezz tar-rapprezentant taghha pprezentat informazzjoni dwar telefonati li originaw minn fuq in-numru 79497676 li kif indikat fil-Current Incident Report jappartjeni lill-imputat;[20] fatt konfermat mill-Vodafone fl-informazzjoni li pprovdu permezz tal-affidavit taghhom.

Illi hu risaput li kull fejn hemm indikat MOC (mobile originating call) jindika fuq min tkun saret il-*call profile,* f'dan il-kaz in-numru 79497676, kif tixhed it-tielet kolonna A Party Msisdn. Illi minn naha l-ohra fejn hemm indikat MTC (mobile terminating call) dan ifissser li n-numru indikat fil-kolonna B Party Msisdn ghamel it-telefonata lil A Party Msisdn. Harsa lejn din id-data[21] turi numru kbir ta' telefonati fil-perjodu mill-1 t'Ottubru, 2016 sa Jannar 2017 bejn l-imputat u l-parte leza.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa is-CD[22] esebita mill-Vodafone fejn jirrizultaw diversi telefonati u sms's li saru. Fil-kolonna mmarkata ***Switch cdrs*** wiehed jista' jikkonstata n-numru kbir ta' sms's li gew skambjati bir-riferenza MO SMS tfisser li l-sms tkun saret mill-utent A Party Msisdn (Mobile Orginating SMS) u MT SMS (Mobile terminating SMS) fejn ikun l-utent li jkun ircieva sms minn B Party Msisdn.

---

17 Fol.28-29
18 Fol.31
19 Fol.34-35
20 Fol.4
21 Sabiex wiehed jara l-*call duration*, ikun aktar utli li tinqara is-CD, peress li mid-dokumentazzjoni stampata fuq karti A4 f'format 'Portrait', tali ezercizzju ma jistax isir. Hu biss meta il-kontenut ta' kull *tab* fid-dokument excel gie stampat mill-Qorti b'format 'Landscape' li l-call logs setghu jigu analizzati.
22 Fol.322

Fil-fatt mit-28 ta' Novembru, 2016, jigu osservati ammont ta' sms li gew skambjati; imbghad fit-3 ta' Dicembru, 2016, wara li ikunu gew skambjati bosta messaggi l-imputat jibghat numru kbir ta' sms *in rapid succession* fis-sighat bikrin ta' filghodu b'sekondi jiffirdu messagg minn iehor. L-istess jigri fl-4 ta' Dicembru, 2016, il-jum li fih sehh l-incident mertu tal-ewwel tlett akkuzi fejn wiehed jinnota li l-messaggi jippersistu sas-sighat tal-ghada u cioe` tal-jum tal-5 ta' Dicembru, 2016.

Jinghad ukoll li fit-tab ***Switch unscсessful cdrs,*** fejn il-*call duration* tkun indikata bhala 0, cioe` lil min tkun qed issir it-telefonata ma jkunx wiegeb. Jirrizultaw ghadd kbir ta' telefonati li saru mill-imputat lill-parte leza fil-jum bejn it-3 ta' Dicembru, 2016 li jibdew fis-sighat bikrin ta' filghodu (02:24:06). Fl-4 ta' Dicembru, 2016 dawn bdew isiru b'insistenza mill-hin tal-18:53:44 hrs u ppersistew sal-00:35:47 tal-5 ta' Dicembru, 2016. Assedju simili ta' telefonati saru fit-18 u fil-21 ta' Jannar, 2017.

Illi minn data esebita mill-kumpanija Go plc.[23] jirrizulta li bejn id-19 ta' Jannar, 2017 u s-17 ta' Frar, 2017 minn fuq in-numru 79038035 saru bosta telefonati lill-parte leza. Jigi osservat volum qawwi ta' telefonati fil-jum tas-17 ta' Frar, 2017, fejn bejn 20:39:40 u 21:14:58 saru xejn anqas minn 20 telefonata fejn il-parte leza jidher li wiegbet biss ghal 5 bil-kumplament jidher li ma twiegbux.

Il-Qorti kellha okkazzjoni tifli l-volum ta' messaggi esebiti minn Dr. Dalli Tua.[24] Jinghad li l-annotamenti u l-kummenti li nkitbu mill-parte leza fuq dawk id-dokumenti gew ghal kollox skartati. Mhemmx dubbju li l-avalanga ta' messaggi gejjin minn sms's, whattsap u facebook[25] wrew lill-imputat fi stat ta' frustrazzjoni ghall-fatt li l-avvanzi tieghu ma l-ex siehba tieghu ma kienux qed jigu reciprokati.[26] Hemm messagg wiehed f'wiehed fejn jaghmel minn kollox biex jistabilixxi kuntatt ma Dalli, biex jiltaqaw u biex din tkellmu.[27]

Mill-messaggi kollha skambjati, jekk kien hemm okkazzjonijiet fejn il-parte leza wiegebt lill-imputat, tali kommunikazzjoni qatt ma setghet tinfthiem li kienet tfisser li kienet qed tilqa' l-istediniet tieghu biex jiltaqaw. **Bil-kuntrarju kemm il-darba wrietu li kien qed ikun ta' dwejjaq u fastidju ghaliha**!! Il-fatt li xi drabi hi wiegbet il-messaggi tieghu bl-ebda mod ma jnaqqas mill-agir fastidjuz ta' bniedem li

[23] Fol.31
[24] Vol.II
[25] Fol.159 et seq.
[26] Fol.89-158
[27] Fol.196-199

b'fittagni frustranti – kif ikkonstat il-Qorti mill-messaggi tieghu w r-rejazzjoni ta' Dr. Dalli Tua – ma riedx jifhem li "No means No" izda baqa' jisforza ruhu f'hajjitha! Ghall-kuntrarju izda, il-messaggi tal-parte leza huma messaggi ta' persuna li wara numru massicc ta' messaggi fl-istess vena, tipprova taqta' l-konversazzjoni jew twiegeb b'tali mod li minn imkien ma jista' jinghad li jinfthiem bhala messagg li bih ir-relazzjoni taghhom tista' terga' tittranga! Hemm diversi istanzi fejn titolbu jhalliha torqod jew biex ma jtellifhiex ghax qeghda tahdem.[28]

Ma hemm ebda dubbju li Darmanin ma kienx lest jaccetta li r-relazzjoni ta' bejniethom intemmet u certament dan ma kienx semplicement ghax kien gie mcahhad minn ibnu. Il-messaggi anzi jpingu xena fejn hu ried akkost ta' kollox jirranga maghha[29] ghax fi kliemu – kultant anke b'deskrizzjoni kemmxejn sesswalment esplicita[30] - hi kienet l-unika mara ghalih.[31] Kien konsapevoli li kienet qed tiddejjaq bil-messaggi tieghu u jirrikonoxxi dan.[32]

Ir-rakkont li tat Dalli Tua dwar dak li sehh fil-lejl tal-4 ta' Dicembru, 2016, hu ghall-kollox ikkoroborrat mill-messaggi esebiti, fosthom fejn Darmanin iwissija li ***"Ok your not talking to me I'm coming to your house"***[33] u dan wara diversi messaggi li baghat li waqaw fuq widnejn torox.[34] Jirrizulta li wara li ddahhlet il-pulizija Darmanin baqa' jinsisti u wera li ma tantx kien ser izomm lura *"I thing calling me Police ma x biza good night babe love you...missek ma etlix my cousin will Arran[ge] e[v]ery thing tnejjikt bijjA...".*[35] Aktar importanti minn hekk hu l-fatt li wara li hi tghidlu li qatt ma messu mar f'darha[36] hu ma jichadx izda jghidilha *"Rachel if i see him a bit it will stop everything if not we are going to court....".*[37] Lanqas ma jifdal dubbju li kien hu li fi zmien meta hi b'mod konsistenti u b'determinazzjoni kienet ilha turih li ma riedet l-ebda relazzjoni mieghu, hekk kif jixhdu l-ilmenti tieghu maghha ghax kienet ibblokjatu,[38] nhar l-14 ta' Frar, 2017, baghtilha card u fjuri; dan jigi pruvat kemm mill-card ta' San Valentinu li baghat f'isem ibnu

---

[28] ibid
[29] Fol.46-47, 59-65
[30] Fol.99 u 213-214; 247, 220
[31] Fol.119-122; 263
[32] Fol.259 u 268; fol.154-156
[33] Fol.110
[34] Fol.103-110
[35] Fol.133-134
[36] Fol.257
[37] Fol.258
[38] Fol.37

*"from your son Michele"*[39] kif ukoll minn email mibghuta lilha fejn jinghad li l-fjuri ntbghatu minn ibnu.[40]
Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet jirreferu ghal jum tal-4 ta' Dicembru, 2016. Mill-messaggi esebiti r-reat kontravvenzjonali fl-ewwel imputazzjoni ma jirrizultax li saru xi theddid jew ingurji lejn Dr. Dalli u ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx pruvata kuntrarjament ghat-tieni imputazzjoni li giet adekwament ppruvata, u cioe` ir-reat ravvizat bl-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-kumplament tal-akkuzi jirreferu ghall-perjodu bejn Ottubru 2016 u Frar, 2017. Minn dawn ir-rizultanzi processwali il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet l-ohra kollha sal-grad rikjest mill-ligi. Mhemmx dubbju li l-kondotta tal-imputat tammonta ghall-*harassment*.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[41]

> "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:
>
> "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.
>
> Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-
> "*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-
> *".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

---

39 Fol.70
40 Fol.74
41 Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) rriteniet is-segwenti:[42]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

---

[42] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

> **"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct...It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday..."**
>
> Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Fuq dan l-insenjament u mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li bl-agir tieghu l-imputat holoq biza kemm fl-imputata kif ukoll fil-genituri taghha. Certament kieku verament ma kienitx imbezza minnu kienet ser timpjega security guard bl-ispejjez li dan ser jinvolvi? Il-komportament vjolenti ta' Dalli kif jixhed missierha meta jirrakonta l-kliem li kien jghidlu Darmanin kif ukoll u senjatament minn dak li xehdet Maria Mallia ikomplu jsostnu l-kaz tal-prosekuzzjoni li bl-agir tieghu Darmanin holoq biza mhux biss fil-parte leza izda fil-genituri taghha.

Illi jirriżulta għalhekk li l-imputat ikkomporta ruħu b'tali mod li **f'okkażjonijiet differenti u distinti minn xulxin**, mhux biss sar ħati taħt harassment ravviżat bl-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront ta' Dr Dalli Tua iżda ukoll fi żmien differenti iżda li jaqa' fil-parametri tal-imputazzjoni miġjuba, sar ħati tar-reat ravviżat bl-artikolu 251B. Is-sitt imputazzjoni ukoll giet ampjament ppruvata.

Illi fir-rigward tar-raba w s-sitt imputazzjoni japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati. L-istess principju japplika fir-rigward tal-hames u tas-sitt imputazzjoni.

Illi giet esebita sentenza fil-konfront tal-imputat li fiha l-konnotati tieghu w minn fejn jirrizulta li nhar il-25 ta' Frar, 2016, hu gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.[43] Jirrizulta izda li l-imputat wettaq reati fit-terminu operattiv ta' dik is-sentenza, ghalhekk din l-ahhar imputazzjoni giet pruvata ukoll. Ghalhekk il-

[43] **Dok.NV** a fol.310

Qorti se titratta mal-imputat kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dawk il-proceduri Darmanin kien gie akkuzat talli 1) nhar il-21 ta' Awwissu, 2013, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar minn fuq il-Moll f'Xatt il-Braken fil-Marsa, ikkommetta serq ta' ilma kkwalifikat bil-mezz, u dan ghad-detriment tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma bi ksur tal-artikolu 261(b) 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u 2) fl-istess data, hin u cirkostanzi, bghabas jew ghamel hsara fil-komunikazzjoni tal-ilma tal-main u dan ghad-detriment tal-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma bi ksur ta' Avviz Legali 331 tal-2008 regolament numru 10(39). Madanakollu l-imputat instab hati biss tal-ewwel imputazzjoni u cioe` dak ta' serq t' ilma.

Ghaldaqstant din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dik l-imputazzjoni li taghha kien instab hati.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Illi l-artikolu 28A(7)(c) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li sentenza sospiza ma tistax tinghata f'kaz fejn ir-reat ikun sar fil-perijodu ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 251A, 251B, u 338(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 49(c) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah *multa* ta' €8,000.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat instab hati tal-imputazzjoni nru.7, u cioe` li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata imposti fuqha mill-Qorti tal-Apell Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti fil-25 ta' Frar, 2016, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjoniji li dwarha kien tpogga' taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli l-artikoli 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 261(b), 263 u 287(4) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal hames xhur prigunerija.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta'

Rachel Dalli Tua w l-familja taghha ghal zmien tlett (3) snin millum. A skans ta' kull ekwivoku, b'dan izda ghandu jibqa' bla mittifes kwalunkwe dritt t'access li l-missier jista' jkollu bis-setgha ta' xi ordni tal-Qorti.

F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**